# Il-Kult lejn it-Twelid tal-Madonna fix-Xagħra

*Minn Prof. Simon Mercieca*

Ir-raħal tax-Xagħra, jew kif kien magħruf aħjar matul is-seklu tmintax bħala Casal Caccia jew ix-Xagħra ta' l-Għażżenin, kien raħal li fid-dinamiżmu ekonomiku tiegħu ftit li xejn tbiddel matul iż-żminijiet. L-agrikultura kienet l-għajn prinċipali għall-eżistenza tiegħu. Il-preżenza ta' art għammiela fl-inħawi wasslet għal żvilupp urban ibbażat fuq numru ta' irziezet li ġew mibnija fil-quċċata ta' l-għolja. L-iżvilupp għalhekk kien wieħed maħsub kemm għal raġunijiet ta' protezzjoni fiżika, kif ukoll minħabba fatturi ambjentali. L-għolja tax-Xagħra tinsab fil-qalba ta' Għawdex u għalhekk ir-raħħala u l-bdiewa setgħu jgħixu f'inħawi mhux faċilment milħuqa mill-kursara u ħallelin oħra tal-baħar. Il-ġeografija tal-post għenet ukoll fl-iżvilupp ta' nħawi għaliex l-għoli offra protezzjoni naturali. Fuq kollox, il-planura li tifforma x-Xagħra hi kbira biżżejjed li setgħet tippermetti it-tferrix ta' l-iżvilupp. Id-djar inbnew fil-qalba tal-għolja waqt li fit-truf ittella' biss xi razzett 'l hemm u 'l hawn. Għalhekk, id-djar li kienu jiffurmaw lir-raħal kienu moħbija mill-għajn meta wieħed iħares lejhom minn dawk in-naħat li kienu faċilment milħuqa mill-baħar. It-tieni vantaġġ li kellha u għad għandha din iż-zona hu l-fatt li l-għoli tagħha joffri arja friska fis-sajf. Il-mentalità medikali tas-seklu 17-18 kienet tgħallem li ħafna mill-mard kien qed jiġi kkawżat minħabba l-preżenza ta' arja ħażina. L-għoli ġeografiku kien qed joffri arja friska, u għalhekk post tajjeb fejn fih il-mard seta' jimraħ inqas.

Matul is-seklu sbatax, il-Knisja tiżviluppa politika ġdida, dik li kienet taħseb li l-knisja parrokkjali kellha tkun fil-qalba tar-raħal. Għalhekk dawk il-knejjes li saru parroċċi minn dan il-perjodu 'l quddiem, kienu dawk biss li kienu jinsabu fil-qalba tar-raħal. Dawk l-irħula li riedu jsiru parroċċa ried ikollhom knisja fil-qalba tar-raħal tagħhom. L-eżistenza ta' knisja f'nofs din l-għolja, dik ta' Sant'Anton, ta d-dritt lix-Xagħra biex issir parroċċa. Kien fi żmien l-Isqof Cocco Palmeri, eżattament fit-28 t'April 1688 li dan ir-raħal ġie maqtugħ mill-matriċi t'Għawdex u mgħolli għal stat ta' parroċċa. Il-knisja żgħira ta' Sant'Anton serviet bħala parroċċa sakemm inbniet waħda ikbar ftit tas-snin wara u ġiet iddedikata lit-twelid ta' Marija. Din il-knisja tidher li fil-fisonomija tagħha kienet tirrifletti l-


Memorie Ecclesiastiche
dell'Invitta Città Senglea
scritte in diversi Tempi, e Circostanze
da Persone Informate
dal tempo di sua Fondazione sin al presente
Raccolte in questi Volumi
per Cura di N.N.
nell'Anno
1786.
Volume Primo
che contiene Memorie XXIII.
Ed un'Aggiunta.

aspett kampanjol ta' dan ir-raħal. Infatti, hija kienet tixbah lill-kappelel żgħar li llum għadna naraw fil-kampanja tagħna. L-artal maġġur kien imżejjen bi kwadru li fih kellu l-immaġni tal-Madonna bil-Bambin f'idejha. Fuq naħa minnhom kien hemm San Duminku u fuq l-oħra San Franġisk. Taħthom kien hemm l-erwieħ tal-purgatorju. Fi kliem ieħor, il-kwadru kien juri l-ikonografija tal-Madonna tal-Grazzja. Taħt dan il-kwadru kien hemm ieħor żgħir li juri n-nativitá ta' Marija. Matul dawn iż-żminijiet, ftit kienu dawk il-parroċċi li fil-kwadru titulari tagħhom kellhom l-immaġni tal-qaddis jew qaddisa li lejh jew lejha kienet iddedikata l-parroċċa. F'ħafna mill-knejjes kien jitqiegħed

kwadru li fih kien ikollu l-immaġni tal-Madonna jew ta' xi qaddis ieħor. Dawn id-dettalji nafuhom mill-viżta li l-Isqof Mancini għamel fix-Xagħra fil-21 ta' Settembru 1723. Hu qal hekk:

*'visitavit altare titulare erectu in interiori prospectu chori, est lapideum tabulis obtectu cum sua plenum et altum sacrifco missa et competenter ornatum; eiusque magna icona muro innixa refert in parte superiore imagne B.M.V. cum puero Iesu, in inferiori SS. Francesco de Assisio et Domenici Confessori. ac animas purgantes. et subtus illa adest alia parva icona referens nativitatem B.M.V. ante ipsum altare pendet sublamptus cupreum cum lampede que accenditur ex devotione'.*

F'dan il-perjodu li qegħdin nitkellmu dwaru, ġewwa l-Isla jseħħ tibdil importanti. Il-kwadru titulari li kien fuq l-artal jinbidel ma' ieħor li kien magħmul fuq linji moderni, jiġifieri mhux aktar fuq l-injam iżda fuq it-tila u li fih kellu ikonografija ġdida, jiġifieri x-xena tiegħu kienet tirrappreżenta t-titular tal-Knisja, il-Madonna tal-Vittorja. Probabilment, dan it-tibdil ikonografiku kien jagħmel parti minn tibdil ikbar li seħħ fil-knisja. F'dan il-perjodu, il-knisja kienet għadha bla kor, iżda dan ma żammx milli jsir tibdil fl-apside ċentrali, fil-preżenza ta' kwadru akbar u taħtu niċċa li fiha ġiet imqiegħda l-istatwa tal-Bambina. Skond il-viżta ta' l-isqof Molina dan il-kwadru kien juri x-xbieha tal-Madonna bil-Bambin f'idejha, San Ġużepp u Anġli. Dan il-kwadru baqa' jservi ta' titular sa madwar l-1730, meta dan inbidel ma' ieħor li, skond l-Isqof Alpheran de Bussan, kien juri fih bħala l-karattru prinċipali tal-kwadru l-figura ta' xebba. Dan kien ix-xogħol ta' Demessina, deskritt bħala allievta' Mattia Preti. Il-kwadru l-antik tqiegħed ġo sagristija tal-knisja. Il-bżonn li ġo l-Isla jsir kwadru ġdid kien dovut għal żewġ raġunijiet. L-ewwel waħda kienet dik li kien tkabbar il-kor tal-knisja u għalhekk kien hemm bżonn li jsir kwadru ieħor akbar. It-tieni fattur kien it-tibdil li seħħ fit-titular tal-knisja. Enfasi fuq it-titular tal-knisja nbidel u ma baqax aktar fuq ir-rebħa fuq it-Torok, iżda sar fuq it-twelid tal-Madonna. Tant dan l-enfasi sar hekk importanti li l-karattri tal-kwadru l-antik tilfu l-identità tagħhom. Il-kwadru l-antik kien juri fih it-twelid tal-Bambin. Din l-ikonografija bdiet tiġi kkunsidrata li tirrappreżenta lit-twelid tal-Madonna. Fi kliem ieħor, San Ġużepp sar San Ġwakkin, il-Madonna saret Sant'Anna u ċ-ċkejken Bambin ġie mitqies bħala l-Bambina. Hekk, meta fl-1786, il-qassis Remigio Bonnici spiċċa l-kitba tar-rakkont tiegħu ta' l-istorja tal-knisja ta' l-Isla, taħt l-isem Memorie Ecclesiatiche dell'Invitta Città Senglea, jgħid li l-kwadru l-antik kien juri t-twelid tal-Madonna. Dan il-kwadru flimkien ma' l-istatwa tal-Bambina li fil-knisja l-antika kienet tinżamm wara l-artal, ġew mogħtija lil Casal Caccia, jiġifieri lix-Xagħra f'Għawdex. Il-fatt li l-istorja li Bonnici qiegħed jirrakkonta seħħet fi żmienu, jagħmluh dokument importanti ħafna bħala kronaka tal-ġrajjiet li seħħew fil-parroċċa ta' l-Isla fis-seklu tmintax.



*'dove oggi si vede il pulpito avendo quivi inalzato un muro nel quale fecero eriggere l'artale maggiore e fissare il quadro titulare che rapresentera il nascimento della SS. Vergine Bambina. Questo quadro ancora esiste nella chiesa parrocchiale sotto l'istesso titolo della natività di M.V. di Casal Caccia del isola del Gozo alla quale fù donato assieme con una figura, ossia statua della B.V. che soleva portarsi nelle processioni (essendo stato levato del d. muro e dal prospetto interiore, di poi della chiesa parte e riposto dentro la sacrestia in occassione d'essere stato fatto un altro quadro più grande). Per secondare il genio del nostro prelato Cocco Palmieri di sel. mem. Il quale aveva dismembrato il Casal Caccia ossia Sciaghra tal Ghazzenin dalle Pertinenze della Chiesa Matrice di detta isola del Gozo, avendo eretto la parocchialità e la cura delle anime degli abitanti del detto Casale ossia distretto nella Chiesuola la beneficiale di Sant'Antonio il 28 aprile 1688 dalle quale fù poi trasferita alla nuova chiesa della natività di M.V'.*

Aktar 'l isfel fil-kitba tiegħu Remigio Bonnici jkompli jgħid hekk dwar it-tielet kwadru ġdid li l-Isla għamlet u li llum jinsab fil-kor tal-knisja tax-Xagħra. Jgħid li wara l-artal maġġur tal-knisja ta' l-Isla '*si colloco un quadro al quanto più grande (opera del pittore Dimessina allievo del celebre pittore Mattia Preti) fra varii intagli e colonni di pietra con nobile architettura essendo stato rimosso quello che si era fatto dal principio del erezione il quale*

*dopo essere stato per molto tempo tenuto nella sacrestia, passò poi alla chiesa parocchiale di Casal Caccia del Gozo come dicevamo poc' anzi'.*

Fuq kollox, dawn l-istejjer isibu riskontru fil-villaġġ tax-Xagħra: L-ewwel li f'dan ir-raħal kien hemm statwa u li tagħha baqa' biss il-kuruna tal-fidda. Dan il-fatt wassal biex din l-istatwa kienet mitqiesa bħala waħda li kienet kollha tal-fidda. Iżda l-fatt li tagħha baqa' biss il-kuruna juri fih innifsu li l-istatwa ma kenitx tal-fidda. Din allura kienet ta' l-injam. F'dan il-perjodu tas-seklu tmintax, l-injam kien għadu favorit u l-kartapesta kienet għadha mhix medju diffuż ħafna. Allura dawn il-fatti jsaħħu dak li qiegħed jgħid Bonnici dwar l-għoti ta' l-istatwa tal-Bambina lix-Xagħra.

It-tieni fatt jikkonċerna l-kwadru nnifsu. Skond deskrizzjoni li jagħti Patri Pelaggio, fil-Knisja tax-Xagħra kien hemm tliet kwadri, u jkompli jgħid li dak li kien hemm fuq il-bieb tal-knisja ġie mogħti proviżjonalment lill-Knisja ta' Savina. Patri Pelaggio jgħid bħal Bonnici li dan il-kwadru kien juri t-twelid tal-Madonna. Meta wieħed janalizza dan il-kwadru, wieħed jinduna li dan hu l-istess kwadru li dwaru jitkellem Bonnici u li kien ġie deskritt mill-Isqof Molina bħala li kien fl-Isla. Infatti, fih hemm il-



Madonna bil-Bambin f'ħoġorha. Fil-bogħod tidher Senglea, jew aħjar forti San Mikiel minn fuq San Pawl ġewwa Bormla. Fuq il-forti tidher il-bandiera ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Fi kliem ieħor, dan il-kwadru kien qiegħed jirrappreżenta lill-Madonna u l-Bambin u r-rebħa fuq it-torok fil-figura tal-forti San Mikiel.

Dan il-kwadru li ngħata lix-Xagħra ma tantx saddad ġewwa l-knisja minħabba li fit-tieni nofs tas-seklu tmintax ġie misluf proviżjonalment lill-knisja ta' Savina minħabba l-fatt li fl-istess żmien, il-pittur qassis Carlo Zimech ġie mqabbad biex ipinġi kwadru ġdid għall-knisja tax-Xagħra. Kull studju li sar qabel u li fih il-kwadru attwali tal-maġġur tax-Xagħra u li ġie deskritt li sar għall-ħabta ta' l-1730 mill-Portugiż Carlo Gimach huma kollha ħżiena; dan minħabba li mill-viżta pastorali ta' l-Isqof Rull, li għamel fix-Xagħra fl-1760, jgħid li l-kwadru titulari tax-Xagħra kien fih l-immaġni ta' Marija Verġni, iżda ma jagħmel l-ebda referenza għan-natività. Min-naħa l-oħra, l-Isqof Alpheran waqt it-tieni viżta li hu għamel fix-Xagħra fl-1744, jgħid biss li kien hemm kwadru titulari fil-kor iżda ma jidħolx f'aktar dettalji. Minn Remigio Bonnici nafu li dan il-kwadru tneħħa biex jagħmel post għal dak li kien hemm ġewwa l-Isla. Minn Patri Pelagio nafu wkoll li dan it-tieni kwadru kien tneħħa biex jitqiegħed wieħed ġdid magħmul minn Carlo Zimech, u dan il-kwadru ma setax sar ħlief għall-ħabta ta' l-1760. Dan ifisser ukoll li l-awtur ta' dan il-kwadru ma setax ikun Carlo Gimach minħabba li dan miet fl-1730, iżda kien il-qassis Carolo Dimech li miet in-Nadur Għawdex fl-176.... Dan il-kwadru ta' Dimech jiġi identifikat u deskritt mill-Isqof Labini waqt żjara pastorali tiegħu fix-Xagħra fit-3 ta' Lulju 1781, bħala wieħed li juri t-twelid tal-Madonna. Din tista' titqies bħala waħda mill-ewwel affermazzjonijiet uffiċjali li l-kwadru tal-knisja tax-Xagħra kien jirrappreżenta n-natività ta' Marija.

Dan il-kwadru serva fil-knisja l-antika sa l-1850. F'dik is-sena, il-Knisja l-ġdida tax-Xagħra kienet kważi lesta. Fl-istess perjodu, ġewwa l-Isla, isir tibdil ieħor fil-kor. Il-kor barokk kien ġie mibdul. Ix-xogħol tħalla f'idejn l-artist Tommaso Madiona, li kien wieħed mit-tliet artisti li l-Isqof Caruana kien bagħat ġewwa Ruma jistudjaw l-arti. Madiona jibdel il-prospettiva tal-kor ta' l-Isla. Ineħħi l-iskultura fil-ġebel u flokha jagħmel l-irħam. Fuq kollox ibiddel il-kwadru titulari barokk ma' wieħed magħmul fuq linji neo-klassiċi skond il-prinċipji pre-Raffaeljani. Fl-Isla ma nżamm l-ebda rekord ta' x'sar minn dan il-kwadru.

Issa teżisti tradizzjoni oħra ġewwa x-Xagħra li l-kwadru attwali kien it-titular ta' l-Isla. Issa meta wieħed jeżamina sew dan il-kwadru, wieħed isib li dan il-kwadru hu dak li kien hemm ġewwa l-Isla. L-ewwel fatt hu li dan il-kwadru attwali li jinsab wara l-artal tax-Xagħra hu fil-fatt ikbar milli hu. Partijiet minnu jinsabu moħbija fil-kwarniċ ta' l-irħam li jżejjen dan il-kwadru. Issa l-knisja l-antika kienet żgħira u mibnija wisq probabbli fuq forma

ta' knisja rurali u għalhekk ma setax kien f'dik il-knisja. It-tieni dan il-kwadru fih bħala ikonografija tiegħu pjuttost xena li tinsab ġewwa belt, aktar milli xena ta' raħal. In-nies ġewwa l-kwadru huma mlibbsa ilbies nobbli, waqt li x-xena tat-twelid turi xena ta' twelid ġewwa belt aktar milli raħal. It-tielet fatt, li hu l-aktar importanti, hu d-deskrizzjoni tal-isqof Alpheran jagħti lill-kwadru ġdid li l-Isla tinawgura fl-1730. L-isqof jiddeskrivih bħala li fih *imaginem figuram*. Kien biss fit-tieni viżta tiegħu fl-1743 li l-istess isqof jirrikonoxxi lill-istess kwadru li jirrappreżenta t-twelid tal-Madonna. Issa l-kliem Latini ta' *verginiam figuram* li fil-Malti jinbidlu fil-kliem 'figura ta' xebba', fihom sinifikat ħafna aktar profond milli wieħed jimmaġina. Il-latin hu magħruf għall-konċiżjonalità tiegħu. Żewġ kelmiet jesprimu ħsieb ħafna aktar profond li hu diffiċli biex jittraduċihom fi ftit kliem. *Verginiam*, kif ġà għedt, tfisser xebba. Il-fatt importanti hu l-kelma *figuram*. Il-Latin jagħmel differenza bejn il-kelma *imaginem* u dik *figuram*. Fil-lingwaġġ reliġjuż, il-kelma *imaginem* hija wżata biex tiddeskrivi kwadri jew figuri li jirrappreżentaw xi qaddis, Kristu jew il-Madonna. Fi kliem ieħor, dak li wieħed jara fil-kwadru ma hux il-figura ta' Kristu iżda l-immaġni tiegħu. Infatti, l-ewwel insara kienu jgħajru lill-pagani li kienu jaduraw figuri, fi kliem ieħor l-istatwi tagħhom kienu ritratt ta' Alla jew figura, u mhux kif wieħed jaħseb li hu Alla u allura immaġni. Allura meta l-isqof qiegħed jgħid li dak il-kwadru fih figura ta' xebba, qiegħed jalludi li dak il-kwadru ma hux wieħed reliġjuż, iżda pjuttost wieħed sekulari, li bħala tematika prinċipali tiegħu ma fihx suġġett reliġjuż, iżda suġġett profan. Issa meta wieħed janalizza dan il-kwadru li llum jinsab ġewwa x-Xagħra jsib li l-karattru prinċipali tiegħu mhux xi suġġett reliġjuż iżda l-figura ta' xebba. Fuq kollox, meta wieħed janalizza aktar din il-figura jsib li din hi prinċipalment imlibbsa l-kuluri ta' isfar u aħmar, li huma l-kuluri ta' l-Isla. Allura, din il-figura hija metafora ta' l-Isla, li qiegħda tirċievi l-Madonna tarbija f'idejha. Fi kliem ieħor, l-artist ta' dan il-kwadru, Demessina, qiegħed jenfasizza t-tibdil li seħħ fir-rigward tat-titular ġewwa l-Isla għax waqt li fil-kwadru l-antik kien hemm il-Madonna b'Senglea rebbieħa warajha, Demessina pinġa xebba li hi metafora ta' l-Isla qiegħed tirċievi tarbija f'idejha u għalhekk ried juri li issa l-Isla għandha titular ġdid, dak tat-Twelid tal-Madonna.

L-aħħar mistoqsija li baqa' hi: x'sar mill-kwadru li pinġa Carlo Dimech? Dina għadha tistenna tweġiba.

Simon Mercieca hu riċerkatur ma' l-Università Franċiża ta' Pariġi IV - Sobrona u Project Officer in Historical Demographay ma' l-Università ta' Malta. Hu ggradwa l-B.A. fil-Malti u l-Istorja fl-1990, u' fis-sena ta' wara ġab il-B.A. (Hons.) fl-Istorja. Kompla l-istudji fil-Masters fl-Istorja u matul dan il-perjodu rebaħ scholarship mill-Istituto di Cultura Taljan għal riċerka u studju fl-Università La Sapienza ta' Ruma għal perjodu ta' sena. Wara li spiċċa l-Masters, hu ġie mogħti borża ta' studju biex ikompli l-istudji tiegħu ma' l-Università Franċiża ta' Pariġi IV - Sorbona. Matul l-1995, hu ġab id-diploma Franċiża tad-D.E.A. (Diplôme d'Etude Approfondi) u wara beda d-dottorat ta' riċerka fl-Istorja Demografika ma' l-istess Università.

